# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2591

Każ Nru 3623/FM

Fil-Kwistjoni ta' Xogħol

bejn

Stephen Dimech

u

Empower Cooperative Limited

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Data: 24 ta' April 2019

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' Rikors magħmul fis-27 ta' Frar 2017, mill-Avv. Ian Spiteri Bailey għan-nom ta' Stephen Dimech fejn ġie allegat illi dan kien ġie liċenzjat minn ma' Empower Cooperative Limited b'effett mill-31 ta' Ottubru 2017 għal raġuni dikjarata ta' *redundancy* mingħajr ma ġiet osservata r-regola ta' *first in last out* u għalhekk tikkostitwixxi tkeċċija nġusta. Il-Koperattiva Intimata li kienet rappreżentata minn Nathan Farrugia, assistit mill-Avukati Lara Pace u Matthew Brincat, irriteniet li r-Rikorrent kien ġie liċenzjat għal raġuni ta' *redundancy* meta l-Middle Sea Insurance itterminat kuntratt mall-Koperattiva li fuqu kien jaħdem ir-Rikorrent.

Inżammu sitt seduti. A tenur ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad illi minħabba n-numru ta' seduti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

**2. Fatti tal-Każ**

Il-Koperattiva Intimata tgħid illi l-impjegati, li bosta minnhom inkluż r-Rikorrent, kellhom xi diżabbilità, kienu jaħdmu fuq żewġ kuntratti, wieħed mall-MSI u l-ieħor mal-MSV. Ir-Rikorrent kien qed jaħdem kif dejjem ħadem mall-MSI u meta dan il-kuntratt ġie terminat ir-Rikorrent kellu jiġi liċenzjat minħabba *redundancy.* Ix-xogħol taż-żewġ gruppi ma kienx l-istess u għalhekk ma kienx possibbli illi tiġi segwita strettament ir-regola ta' *first in last out.* Ir-Rikorrent jgħid illi huwa dejjem ħadem fuq il-kuntratt tal-MSV kif fil-fatt jixhed il-kuntratt

li kellu u x-xogħol sostanzjalment kien l-istess bejn iż-żewġ gruppi. Għaldaqstant ir-regola tal-*first in last out* kellha tiġi segwita għaliex kien hemm impjegati li kienu ġew impjegati wara r-Rikorrent u l-liċenzjament ma kellux isofriħ hu.

## 3. Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal kellu quddiemu żewġ punti li riedu jiġu iċċarati. Dawn kienu dwar it-tip ta' xogħol magħmul mill-impjegati mal-Koperattiva Intimata biex tiġi identifikata kif taffettwa r-*redundancy* lir-Rikorrent u kif ir-regola ta' *first in last out* taffettwa lir-Rikorrent. L-artikolu 36 (4) tal-Kap 452 li jirregola dan il-punt igħid testwalment "Meta prinċipal ikun bi ħsiebu jtemm l-impieg ta' impjegat minħabba *redundancy*, hu għandu jtemm l-impieg ta' dik il-persuna li tkun impjegata l-aħħar fil-klassi tal-impieg milquta minn dik *ir-redundancy"*. Il-kelma "klassi" hija wkoll definita fl-Artikolu 2 tal-Kap 452. Dan jgħid testwalment (klassi) "għandha tinftiehem għax-xogħol magħmul jew mistenni li jsir indipendentement mit-titolu jew l-isem mogħti lill-kariga". Ma' tul is-smiegħ tal-każ ġie aċċennat diversi drabi mill-Koperattiva Intimata li r-Rikorrent dejjem ħadem fuq il-kuntratt mall-MSI u mhux mal-MSV. Għalhekk meta ntemm il-kuntratt mal-MSI kellu bilfors jintemm l-impieg tar-Rikorrent. Ir-Rikorrent mill-banda l-oħra tinnega dan u tgħid li l-istess kuntratt mal-Koperattiva Intimata kien speċifikament jgħid li jaħdem mal-MSV. Serviet ħafna biex jiġi ċċarat dan il-punt ix-xhieda ta' Nadine Mizzi Cauchi li hija l-*HR and Administration Manager* tal-Koperattiva Intimata prodotta minnha fis-27 ta' Ġunju 2018. Fix-xhieda tagħha tgħid testwalment bħala risposta għad-domanda tal-Avv Matthew Brincat dwar *Office Assistants* u *Adnistration Assistants* li "Jaqgħu kollha taħt MSV". "Kollha MSV" isaqsi Dr Brincat, "Kollha MSV" tirrispondi.(Fol.21). Għal dak li għandu x'jaqsam ma' klassi kif deskritta fil-liġi fuq domanda ta' Dr Spiteri Bailey xehdet "Eme, ħa ngħidlek fil-verità, eme, *job title* jista' jkun em, differenti, u jista jkun li bħala r-rwol xorta jaqgħu li jagħmlu l-istess ir-rwoli". Iktar tard tkompli "Li rrid ngħid jien hu, li l-*job title* ma jiddentifikax fil-verità, dak li inti suppost tagħmel" (Fol. 18). Il-punt dwar ix-xogħol li kien jagħmel ir-Rikorrent u l-kollegi tiegħu b'dan ġie iċċarat. Il-punt l-ieħor dwar kif taffettwa lir-Rikorrent ir-*redundancy* issa ġie ċċarat ukoll għaliex jidher li l-*Office Assistants* u l-*Administration Assistants* huma kif ingħad ta' l-istess klassi kif imfissra fil-liġi. Għaldaqstant id-data tal-impieg tagħhom ilkoll trid tiġi imqabbla biex jiġi identifikat minn għandu jkun milqut mill-minġel tar-*redundancy*. Skont il-lista ta'impiegi Dok NMC 1 preżentata fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2018 ir-Rikorrent ġie impjegat fil-11 ta' Lulju tal-2011. Warajh ġew impjegati Chircop Antonio fit-23.1.2012, Magro Axyl fl-1.11.2014 u Mizzi Katya fit-28.08.2017. Ċertament ir-Rikorrent qatt ma kellu jkun hu li jiġi liċenzjat fuq bazi ta' *redundancy*.

## 4. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li r-Rikorrent Stephen Dimech ġie liċenzjat minn mal-Empower Cooperative Limited għal raġuni li la hi ġusta u l-anqas suffiċjenti.

## 5. Kumpens

Wara li ra l-Artikolu 81(2)(a) tal-Kap 452, ikkunsidra mhux biss il-*lucrum cessans* tar-Rikorrent, id-diffikultà biex bħala disabbili isib fi żmien qasir impieg ieħor u jekk isibu l-ispejjes għat-tħarriġ, it-Tribunal jillikwida l-kumpens li għandu jitħallas mill-Empower Cooperative Limited lil Stephen Dimech fl-ammont ta' tlettax-il elf euro (€13,000). Din għandha titħallas in kwantu għal sitt elef euro (€6,000) sa żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni u r-rimanenti somma b'rata ta' elf euro (€1,000) kull l-aħħar tax-xahar minn Ġunju 2019 bil-kundizzjoni li jekk tinqabez skadenza waħda ir-rimanenti somma issir *ipso facto* pagabbli immedjatament.

## 6. Drittijiet

A tenur tal-Avviż Legali 48 tal-1986 id-drittijiet ta' min assista lill-partijiet f'dan il-każ huma likwidati fl-ammont ta' tlieta u disghin euro (€93) kull wieħed.

B'hekk jintemm dan il-każ.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja